MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2010

Appell Civili Numru. 536/2008/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**V & C Contractors Limited**

**Il-Qorti,**

Bis-sentenza taghha tat-22 ta' Jannar, 2010 din il-Qorti kienet hemm iddeterminat illi, ghall-ezami dwar jekk l-azzjoni kienetx kolpita bil-preskrizzjoni opposta a norma ta' l-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16, it-Tribunal kien messu ezamina l-ittra ufficcjali tas-27 ta' Lulju, 2006 ghal liema rreferiet il-Korporazzjoni appellanti;

Proprju minn dan l-att gudizzjarju t-Tribunal kien jintebah illi l-Korporazzjoni appellanti gabet il-prova okkorrenti biex turi illi l-preskrizzjoni eccepita kienet inammissibbli ghar-raguni ta' l-interruzzjoni tad-dekors taz-zmien a norma ta'

l-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili. Issa hu veru li skond l-Artikolu 2136 meta l-preskrizzjoni tigi miksura z-zmien li jkun ghadda qabel ma jghoddx ghalbiex wiehed jippreskrivi, u, wkoll, li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri mill-gdid. Fil-kaz prezenti, ukoll bl-akkoppjament ta' dan l-Artikolu dan iz-zmien *ex novo* ma estingwiex ruhu in kwantu bejn l-ittra ufficcjali (27 ta' Lulju, 2006) u l-proponiment ta' l-azzjoni (7 ta' Lulju, 2008) is-sentejn skond l-Artikolu 2153 Kapitolu 16 ma kienux skadew. Il-preskrizzjoni opposta qeghda konsegwentement tigi skartata;

Issa ghal dawk li huma l-fatti sostanzjali fil-mertu jirrizulta li d-diverbju principali bejn il-kontendenti mhux jekk intlaqatx il-*cable*, anke ghaliex dan huwa ammess mir-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta. Il-vera kontestazzjoni taggira fuq il-punt jekk fis-sit fejn intlaqat kienx hemm dak maghruf bhala "*warning* slab" servjenti bhala indikatur tal-presenza tal-*cable* ghal min ikun qed jahdem;

Hi d-dikjarazzjoni ta' Vincent Borg, rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta illi fil-lok fejn intlaqat il-*cable* bil-fies mill-impjegat tas-socjeta` ma kienx hemm cangatura fuq il-*cable*. Fl-ispjegazzjoni tieghu, il-*cable* ma kienx tqieghed skond is-sengha ghaliex kien 'il barra mic-cangatura u fuqu kellu t-tafal. Il-Korporazzjoni ssostni l-kuntrarju u tghid li l-*cable* kien mirdum kif suppost u kellu l-protezzjoni adegwata. Intqal mill-Qorti tal-Kummerc (24 ta' Marzu, 1994) fil-kawza "**Godfrey Leone Ganado *nomine* -vs- Joseph Galea**", konfermata in sede Appell fl-24 ta' Jannar, 1997 illi "la darba l-Korporazzjoni attrici sostniet il-kuntrarju kien dover taghha li tistabilixxi b'<u>ezattezza</u> l-fatti kif graw u senjatament tistabilixxi l-fond li fih kienu mirdumin il-*cables* u x'tip ta' protezzjoni kellhom. Din kienet tkun l-ahjar prova";

Issa minn dak li jinzel mir-rizultanzi istruttorji jinghad dan li gej:-

1. Ghal dak li hu l-*cable* milqut dan kien 33KV mill-antiki. “Kellu *metal sheet*, imbaghad *steel wire* tahtu, imbaghad tahtu jerga’ jkollu ic-comb, imbaghad *insulator*, imbaghad il-*core* li jkun fih id-dawl”. Ara deposizzjoni ta’ l-Inginjier Patrick Borg Cardona;

2. Dejjem skond dan l-istess xhud, “il-*cable* ikun *embedded* fir-ramel, u fuqu naghmlu cangatura li huwa *warning slab.* Ic-cangatura tkun ta’ hxuna bejn pulzier u pulzier u nofs”;

3. Skond id-deskrizzjoni ta’ l-imsemmi Vincent Borg ghas-socjeta` konvenuta, “il-*cable* suppost ikun mistur taht it-triq. L-ewwel ikollok qiesu pied u nofs radam ta’ torba u imbaghad il-*warning tape* (li ma kienx hemm) u tahtu pied materjal, imbaghad issib ic-cangatura konsistenti minn *slabs* tal-franka u taht dan hamsa u ghoxrin centimetru ramel biex il-*cable* ikun protett”;

4. Ghal dik li hi operazzjoni li trid issir f’kazijiet ta’ skavar, dejjem skond dan l-istess xhud, l-ewwel pied u nofs tahdem bl-ingenji, imbaghad tahdem bl-ghodda ta’ l-idejn (fies, zappun, pala). Huwa jsostni li kien dan il-process li gie segwit;

Fermi dawn l-elementi fattwali, in linea ta’ dritt, kif gja ravvizat minn din il-Qorti, “ovvjament azzjoni bhal din tirrientra f’dik l-iskema tar-responsabilita akwiljana u tipresupponi li d-danni gew kagjonati bhala konsegwenza immedjata ta’ l-imgieba ta’ l-awtur tad-danni. Jikkonsegwi li ghas-success ta’ l-azzjoni intentata irid jirrizulta l-lezjoni tad-dritt tat-terz u li dan hu f’rapport kawzali dirett ma’ l-att jew fatt (ara “**Korporazzjoni Enemalta -vs- Vella Group Limited *et***”, Appell Inferjuri, 8 ta’ Gunju, 2006). “Dan permezz ta’ prova li, f’kazijiet ta’ din ix-xorta, trid tirrizulta biex, b’mod adegwat u konvincenti, tikkreja n-ness ta kawzalita ta’ fatt bejn il-kondotta ta’ l-agent u l-event dannuz. Hu wara kollox il-kardini tar-responsabilita` extra kuntrattwali, jew akwiljana, illi ghad-danni kawzati lit-terzi huwa l-awtur tal-lezjoni li ghandu jwiegeb ghar-rizarciment

ta' dawn l-istess danni li mill-att jew fatt jidderivaw". Ara "**Korporazzjoni Enemalta -vs- Joseph Vassallo et**", Appell Inferjuri, 17 ta' Ottubru, 2008;

Premessi dawn l-enuncjazzjonijiet, huwa bil-wisq ragjonevoli illi n-ness kawzali jrid dejjem ikollu rabta ma' kondotta kolpuza ghal skop ta' htija. Ghar-raggungiment ta' dan wiehed irid b'necessita logika jevalwa l-elementi kollha tal-fattispeci ghall-iskop li jkun determinat b'mod objettiv u fil-konkret l-fatt li jkun ipproduca l-hsara u, s'intendi, ir-responsabilita ta' min dik il-hsara jkun gabha fis-sehh;

Din il-Qorti tikkonfessa illi ma hijiex daqstant konvinta, fuq l-istregwa tal-provi, kemm il-htija ghall-hsara fil-*cable* ipprokurata mis-socjeta` konvenuta tista' titqies kolpuza. Dan qieghed jigi rilevat in kwantu mix-xhieda ta' l-istess Inginijier Borg Cardona, prodott mill-Korporazzjoni, ma jidherx li hu eskluz illi fejn intlaqat il-*cable* ma kienx hemm cangatura. Hu anzi, fi kliemu stess, jakkorda lill-kumpanija "*the benefit of doubt*" ghax ukoll, "jista' jkun ma kienx hemm cangatura". Id-dubju fil-Qorti li jinzel minn dawn id-dikjarazzjonijiet u mill-kumpless tad-deposizzjoni ta' dan ix-xhud ma jawgurax wisq taqjjeb ghall-Korporazzjoni li, kif gja osservat, kienet fid-dmir li tressaq il-prova preciza u univoka ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi tabilhaqq kien hemm *in situ* il-*warning slab*;

Fil-qaghda prezenti, b'dawn il-fattezzi, "il-Qorti thoss li tista' timxi fuq il-principju enuncjat mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re: "**Zammit -vs- Petrococchino**" **Kollezz. Vol. XXXVI P I p 329**, recentement invokat mill-gdid mill-istess Onorabbli Qorti fil-11 ta' Gunju 1968 in re: "**Harvey -vs- Attard**" li f'materja civili a differenza ta' dik kriminali huwa bizzejjed ghal gudikant li l-konvinzjoni tieghu tkun bazata fuq preponderanza ta' probabilita`, konvinzjoni bazata fuq xhieda imma anke fuq inferenzi li naturalment u probabilment johorgu minnhom". Ara "**Carmelo Mallia fil-kwalita` tieghu ta' Chairman u in rapprezentanza**

**tal-Malta Electricity Board -vs- Andrew Camilleri**”, Qorti tal-Kummerc, 16 ta’ Gunju, 1969.

Ghal dawn il-motivi, prevja c-cahda tat-terminu preskrizzjonali ta’ sentejn oppost mis-socjeta` konvenuta, u dan a spejjez taghha, tirrespingi fil-mertu t-talba tal-Korporazzjoni attrici fis-sens tal-konsiderazzjonijiet predetti, bl-ispejjez jitbatew mill-istess Korporazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------